# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta’ Frar, 2001**

**Numru 104**

**Citaz. Nru. 642/98GV**

**Doc. Nru. 32-01**

**Air Malta Company Limited**

**vs**

**Richard Muscat u Mario Schiavone, President u Segretarju rispettivi tal-Malta Section of the Association of European Journalists**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta’ attrici ippremettiet illi hija issupplixxiet biljetti tal-ajru ghat-trasport ta’ passiggieri konsistenti f’membri li attendew ghall-Kungress ta’ Gurnalisti Ewropej tenut f’Malta f’Ottubru 1995 u organizzat mill-konvenuti;

Premess illi ghal dan it-trasport is-socjeta’ attrici ghad baqala’ tircievi s-somma bilancjali ta’ ghaxart elef, sitt mija u tmenin lira Maltija u sbatax-il centezmi (Lm10,680.17,0);

Premess illi l-konvenuti nomine nonostante li gew interpellati ghall-hlas baqghu inadempjenti;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba tas-Socjeta' attrici bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. konsegwentement tikkundannahom ihallsu lis-Socjeta' attrici is-somma bilancjali ta' ghaxart elef, sitt mija u tmenin lira Maltija u sbatax-il centezmi (Lm10,680.17,0) prezz ta' biljetti tal-ajru u trasport ta' passiggieri in konnessjoni mal-kungress tenut f'Malta mill-Ghaqda Maltija ta' Gurnalisti Ewropej;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-sebgha (7) ta' Lulju, 1997 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mario Schiavone nomine a fol 18 fejn eccepixxa:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut mill-konvenuti fil-kwalita taghhom premessa stante:

1. li l-fergha Maltija ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej ma hiex il-legittimu kontradittur stante li din il-fergha Maltija tikkostitwixxi korp professjonali awtonomu li ghandu statut specifiku ghalih li huwa separat u distint u jopera b'mod awtonomu mill-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej;

2. kif ukoll peress illi dan il-kungress ghall-gurnalisti Ewropej ma giex organizzat mill-fergha lokali ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej stante li l-organizzazzjoni t'attivitajiet simili jaqghu fil-kompetenza ta' l-Assocjazzjoni tal-gurnalisti Ewropej direttament;

3. Illi r-rwol tal-fergha Maltija ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej kien biss dak li irriferiet l-ismijiet tal-persuni u tas-socjetajiet f'Malta li maghhom l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej stess setghet tikkontratta direttament biex torganizza dan il-kungress u l-fergha Maltija per se qatt ma ikkontrattat direttament hija ma dawn il-persuni u s-socjetajiet peress li kienet tkun dejjem l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej direttament li kienet tiddeciedi jekk taccettax dawn il-proposti u jekk tiffinanzjax l-istess u f'kaz affermattiv li twettaq dawk id-decizjonijiet fil-prattika;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa fil-fatt eccessiv;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Onorevoli Richard Muscat nomine a fol 24 fejn eccepixxa:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut mill-konvenuti fil-kwalita taghhom premessa stante:

1. li l-fergha Maltija ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej ma hiex il-legittimu kontradittur stante li din il-fergha Maltija tikkostitwixxi korp professjonali awtonomu li ghandu statut specifiku ghalih li huwa separat u distint u jopera b'mod awtonomu mill-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej;

2. kif ukoll peress illi dan il-kungress ghall-gurnalisti Ewropej ma giex organizzat mill-fergha lokali ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej

stante li l-organizzazzjoni t'attivitajiet simili jaqghu fil-kompetenza ta' l-Assocjazzjoni tal-gurnalisti Ewropej direttament;

3. Illi r-rwol tal-fergha Maltija ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej kien biss dak li irriferiet l-ismijiet tal-persuni u tas-socjetajiet f'Malta li maghhom l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej stess setghet tikkontratta direttament biex torganizza dan il-kungress u l-fergha Maltija per se qatt ma ikkontrattat direttament hija ma dawn il-persuni u s-socjetajiet peress li kienet tkun dejjem l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej direttament li kienet tiddeciedi jekk taccettax dawn il-proposti u jekk tiffinanzjax l-istess u f'kaz affermattiv li twettaq dawk id-decizjonijiet fil-prattika;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa fil-fatt eccessiv;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxar telef, sitt mija u tmenin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm10,680.17) prezz ta' biljetti ta' l-ajru u trasport ta' passiggieri in konnessjoni mal-Kungress tenut f'Malta mill-Ghaqda Maltija ta' Gurnalisti Ewropej;

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti Schiavone u Muscat eccepew li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi billi l-fergha Maltija hi distinta mill-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej;

Il-kungress imsemmi ma giex organizzat mill-fergha lokali ta' l-Assocjazzjoni tal-gurnalisti Ewropej stante li l-organizzazjoni t'attivitajiet simili jaqghu fil-kompetenza ta' l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej direttament;

Ir-rwol tal-fergha Maltija kien biss dak li rriferiet l-ismijiet tal-persuni u tas-socjetajiet f'Malta li maghhom l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej setghet tikkuntratta direttament biex torganizza dan il-kungress u l-fergha Maltija per se qatt ma ikkontrattat direttament hija ma' dawn il-persuni u s-socjetajiet peress illi kienet tkun dejjem l-Assocjazzjoni tal-Gurnalisti Ewropej direttament li kienet tiddeciedi jekk taccettax dawn il-proposti u jekk tiffinanzjax l-istess u f'kaz affermattiv li twettaq dawk id-decizjonijiet fil-prattika.

Fl-ahharnet l-ammont mitlub hu eccessiv.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuti qed jissottomettu li huma mhumiex responsabbili ghall-pagament mitlub mill-atturi izda hija l-Assocjazzjoni ta' barra tal-gurnalisti Ewropej li hija responsabbili ghall-pagament. Huma kienu ppreparaw budget li gie approvat minn barra u dawn qalulhom li setghu jgibu finanzjament ghalih u allura tawhom l-go ahead biex jidhlu fi ftehim <u>ghan-nom taghhom</u> ma' diversi kuntratturi lokali fosthom l-Air Malta. Ghalhekk il-bilanc li fadal ghandu jithallas minn Brussels u mhux mill-fergha Maltija. Huma kienu hadu hsieb biss li jghinuhom fid-dettalji partikolari tal-pajjiz.

L-atturi xehdu li huma ma kienu jafu bl-ebda ftehim bejn il-konvenuti u l-Assocjazzjoni ta' barra u qatt ma kienu imdahhlin fih jew gew infurmati bih.

Huma saru jafu li kien hemm xi tip ta' ftehim bejnithom meta kienet saret korrispondenza ma' barra u dawn irrispondewhom fejn cahdu kull responsabilta' u baghtulhom kopja tal-ftehim li kien hemm bejnithom (ara fol 39 et seq). Huma saru jafu li kien hemm dana l-agreement wara li saret il-konferenza u wara li l-konvenuti naqsu li jhallsu l-bilanc mitlub.

Dwar in-negozjati li l-konvenuti kienu ghamlu maghhom l-atturi xehdu hekk:

Noel Gravino xehed li l-Air Malta kienet giet kuntattjata mill-konvenut Schiavone f'isem il-fergha lokali ta' l-Association of European Journalists u talab travel arrangements ghad-delegati taghhom ghall-konferenza li kellha ssir f'Malta. Talbuh jaghtihom konferma illi l-fergha lokali kienet ser tassumi r-responsabilita' ghall-hlas tal-biljetterija u dan baghtilhom ittra datata tlieta (3) ta' Ottubru, 1995 fejn qal li *The Malta Section of the Association of European Journalists will be paying for the tickets*. (fol 32). Imkien ma tissemma l-assocjazzjoni ta' barra.

Joe Sammut xehed li "meta qorob iz-zmien ahna konna ghidna lill-association, il-branch lokali, biex ighidulna l-hlas kif ser isir u kienu kitbulna lura u qalulna li l-hlas kien ser isir mill-branch Maltija tal-Association of European Journalists" (ittra tat-tlieta (3) ta'Ottubru 1995). Hu kompla hekk: "Ahna d-dealings li ghamilna kienu kollha mal-branch lokali u ahna konna qed nistennew li l-hlas isir minnhom...... Ahna konna tlabna lill-association biex niccaraw min ser jaghmel il-pagamenti biex ahna minn naha taghna nkunu nafu l-kljenti taghna u l-kljent dejjem kien l-assocjazzjoni lokali".

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo sive Charles Azzopardi et noe - vs - George Cauchi" ntqal: "Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk

f'isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50.)

Inoltre, il-ligi tezigi illi kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede. (Art. 993 Kap 16).

Ara sentenza App. Degiorgio vs Muscat deciza hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju, 1999.

Fil-kaz in ezami ghalkemm kien hemm xi tip ta' ftehim bejn l-assocjazzjoni Maltija u dika ta' barra fuq budgeting, l-Air Malta ma kellha x'taqsam xejn mieghu u lanqas kienet infurmata. Hi saret taf bih wara u l-konvenuti qatt ma innegozjaw ma' l-atturi ghan-nom tal-assocjazzjoni ta' barra. Ir-responsabilita' tal-hlas kienet u baqghet tal-fergha lokali.

L-Air Malta kienu wkoll ipprovaw jithallsu minn barra, izda meta kitbu barra saru jafu li dawn kienu qed jichdu kull responsabilita' ghall-pagament tal-bilanc.

Fl-ittra li baghat is-Segretarju Generali tal-Association of European Journalists lil Dr.Christopher Spiteri, tal-Legal Affairs Office, tal-Air Malta fil-hamsa (5) ta' Gunju, 1997, b'risposta ghall-ittra tieghu tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju, dan qallu li skond ftehim iffirmat mill-konvenuti fit-tmienja (8) ta' Gunju, 1995 “the Maltese section assumes full responsibility for the balance of the budget” (ara wkoll l-agreement fol 40) u li “we must insist on the absence of any responsibility in this matter on the part of the Association of European Journalists, which is established on a wholly independent basis” fol 37/38. Hu spjega li “Aware of the section's budget difficulties due to its failure to secure sufficient sponsorship to cover the costs of the congress, the General Assembly decided to grant it a complimentary

amount of 3032 ECU. Thus, in an exceptional manner, the entire grant received by the AEJ that year from the European Institutions was to be employed in financing the Congress. To this amount, one must add the fee paid by the journalists attending the meeting, which was the highest ever”.

Jigifieri l-finanzjament kellu jsir parti mill-flus li hallsu l-partecipanti li attendew il-kungress; parti mill-flus li kellha ggib l-assocjazzjoni ta’ barra, u parti mill-isponsorships li kellha tottjeni l-assocjazzjoni lokali. Jidher li l-ewwel tnejn waslu, izda mhux il-parti kollha li kellha ggib din ta’ l-ahhar.

Is-segretarju spjega minn min kellu jsir il-finanzjament u kif kellu jsir il-hlas ghall-kungress. B’dana kollu kien konxju l-konvenut Muscat tant li fix-xhieda tieghu hu qal li:

“Ir-raguni li tat l-assocjazzjoni ta’ barra kienet li ahna ffirmajna protocol ill fih hemm miktub li jekk ikun hemm bilanc tal-budget ghadna nhallsuh ahna. Ovvjament dika ahna konna qeghdin nifmuha illi l-assocjazzjoni finalment taf li ahna konna ghadna sezzjoni zghira u gdida u li m’ghandniex mezzi”. (p 83).

Dwar l-Air Malta hu kkonferma li: “Il-fergha lokali kienet assumiet responsablita’ ghall-hlas u l-assocjazzjoni ta’ barra qatt ma kellhiex relazzjoni ma’ l-Air Malta. (Fol 85). L-Air Malta ma kellha x’taqsam xejn ma’ dak li kien ghaddej bejn l-assocjazzjoni lokali u dika ta’ barra.”

**Bilanc dovut**

Dwar l-ammont mitlub il-konvenuti issa qed jaqbdu fuq il-fatt li huma rcevew statements (ara fol 52 sa 58) ta’ tlett elef u tlieta u ghoxrin liri Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm3,023.67) bhala bilanc izda ma spjegawx li kienu wkoll ircevew id-dokumenti ezibiti minn 104 il’ quddiem fejn talbuhom

ghaxar telef, sitt mija u tmenin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm 10,680.17).

Arthur Micallef, manager credit control, xehed li l-bilanc dovut hu ta' ghaxar telef, sitt mija u tmenin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm10,680.17). Originarjament il-kont kien ta' erbgha u ghoxrin elf, mitejn u disgha liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm 24,209.97). Saru zewg pagamenti, wiehed ta' ghaxar telef, hames mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u tmenin centezmi (Lm 10,529.80) u iehor ta' tlett elef liri Maltin (Lm 3000). L-invoices indikati a fol. 52 sa 58 huma mhallsin. Il-kontijiet li kellhom jithallsu minn Malta fil-fatt thallsu, li baqa' pendenti kienu dawk li kellhom jingabru mill-outstations…. Pagamenti minn barra ma kienx hemm. Huma kienu jibghatu l-istatements lis-Sur Schiavone fejn kien hemm bilanc ta' ghaxar telef, sitt mija u tmenin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm 10,680.17) (Dok fol 108 datat sittax (16) ta' Awissu, 1996 u ara dok a fol 105 u 109). L-ammont dovut minn barra ingabar f'dokument wiehed Dok AM1 fol 101.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**